MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 421/2004

**Top Level Enterprises Ltd.**

**vs**

**George Pace u Maria Carmen Pace**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00) rapprezentanti bilanc minnhom dovut ta’ import ta’ kambjala li mmaturat fis-17 ta’ Lulju, 2004 (Dok. A).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tas-sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz ghas-smiegh u bl-imghax legali mid-data tal-maturita’ tal-kambjala sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta' Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------